C/2024/6208

16.10.2024

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

tat-10 ta' Ottubru 2024

li testendi l-mandat ta' Viċi Direttur Eżekuttiv tal-Europol

(C/2024/6208)

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra r-Regolament (UE) 2016/794 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Mejju 2016 dwar l-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għall-Kooperazzjoni fl-Infurzar tal-Liġi (Europol) u li jissostitwixxi u jħassar id-Deċiżjonijiet tal-Kunsill 2009/371/ĠAI, 2009/934/ĠAI, 2009/935/ĠAI, 2009/936/ĠAI u 2009/968/ĠAI [1], u b'mod partikolari l-Artikolu 54(3) sa (5) u l-Artikolu 55 tiegħu,

Waqt li jaġixxi bħala l-awtorità li ngħatat is-setgħa li taħtar id-Direttur Eżekuttiv u l-Viċi Diretturi Eżekuttivi tal-Europol,

Wara li kkunsidra l-proposta tal-Bord ta' Amministrazzjoni tal-Europol tad-19 ta' Marzu 2024,

Billi:

(1) Is-Sur Jean-Philippe LECOUFFE inħatar Viċi Direttur Eżekuttiv tal-Europol bid-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2021/602 [2]. Il-mandat tas-Sur Jean-Philippe LECOUFFE ser jiskadi fit-30 ta' April 2025.

(2) Il-Viċi Diretturi Eżekuttivi tal-Europol jinħatru għal perjodu ta' erba' snin, li jista' jiġi estiż darba f'konformità mal-Artikolu 54(4) tar-Regolament (UE) 2016/794.

(3) Id-deċiżjoni tal-Bord ta' Amministrazzjoni tal-Europol tal-1 ta' Mejju 2017 tistipula l-proċedura għall-estensjoni tal-mandat tal-Viċi Diretturi Eżekuttivi tal-Europol.

(4) Il-Bord ta' Amministrazzjoni informa lill-Parlament Ewropew bl-intenzjoni tiegħu li jipproponi lill-Kunsill li l-mandat tas-Sur Jean-Philippe LECOUFFE jiġi estiż, filwaqt li qies il-valutazzjoni msemmija fl-Artikolu 54(3) tar-Regolament (UE) 2016/794.

(5) Fit-12 ta' Settembru 2024, il-Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern tal-Parlament Ewropew ("il-Kumitat LIBE") ta opinjoni pożittiva dwar l-estensjoni tal-mandat tas-Sur Jean-Philippe LECOUFFE bħala Viċi Direttur Eżekuttiv tal-Europol f'konformità mal-Artikolu 54(2), ir-raba' subparagrafu, tar-Regolament (UE) 2016/794.

(6) Il-Bord ta' Amministrazzjoni ppreżenta opinjoni lill-Kunsill fejn ippropona li l-mandat tas-Sur Jean-Philippe LECOUFFE jiġi estiż u li l-grad tiegħu jiġi riklassifikat bħala grad AD15.

(7) Abbażi tal-proposta ppreżentata mill-Bord ta' Amministrazzjoni u b'kont meħud tal-opinjoni tal-Parlament Ewropew, jenħtieġ li l-mandat tas-Sur Jean-Philippe LECOUFFE bħala Viċi Direttur Eżekuttiv tal-Europol jiġi estiż u li l-grad tiegħu jiġi riklassifikat bħala grad AD15,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Il-mandat tas-Sur Jean-Philippe LECOUFFE bħala Viċi Direttur Eżekuttiv tal-Europol huwa estiż mill-1 ta' Mejju 2025 sat-30 ta' April 2029 fil-grad AD 15.

[1] ĠU L 135, 24.5.2016, p. 53.
[2] Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2021/602 tat-8 ta' April 2021 dwar il-ħatra ta' Viċi Direttur Eżekuttiv tal-Europol (ĠU C 127 14.4.2021, p. 42).

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fid-data tal-pubblikazzjoni tagħha f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Magħmul fil-Lussemburgu, it-10 ta' Ottubru 2024.

Għall-Kunsill

Il-President

PINTÉR S.